# Kummissjoni Elettorali – Partit Nazzjonalista

Dar Ċentrali, Triq Herbert Ganado, Tal-Pietà PTA1450
email: kummissjonielettorali@pn.org.mt.

11 ta' Lulju 2025

Lill-kandidati prospettivi fl-elezzjoni għall-għażla tal-Kap tal-PN:
Dr Alex Borg
Dr Adrian Delia

Il-Kummissjoni tinsab infurmata li l-media tal-Partit Laburista kienu preżenti, jew b'inizjattiva tagħhom jew għax ġew mistiedna, għal avvenimenti li qed ikunu organizzati mill-kandidati prospettivi bħala parti mill-kampanja elettorali għall-għażla ta' Kap tal-PN.

Il-Kummissjoni tfakkar fir-regolamenti ppublikati minnha, u f'laqgħa miżmuma llum stess, il-Kummissjoni iddeċidiet li:

a) Intervisti li jsiru minn ġurnalisti ta' media (kemm tal-PN u kemm media oħra) jridu jkunu approvati minn qabel mill-Kummissjoni Elettorali;
b) Kandidati prospettivi li jirċievu inviti direttament għal intervisti għandhom jinfurmaw minnufih lil min ikun għamel l-istedina biex jagħmel it-talba tiegħu lill-Uffiċċju Komunikazzjoni tal-PN.
c) Ma jistax ikun hemm intervisti fuq media ta' partiti politiċi oħra, jew media oħra li l-Kummissjoni Elettorali ma tapprovax. Bl-istess mod kandidati prospettivi ma jistgħux huma jistiednu ġurnalisti ta' media ta' partiti politiċi oħra biex jagħmlulhom intervisti jew jattendu attivitajiet tagħhom.
d) L-intervisti għandhom iservu l-iskop li jinfurmaw lill-pubbliku dwar il-kandidat prospettiv li jkun qed jiġi intervistat, u l-viżjoni tiegħu għall-futur tal-Partit Nazzjonalista u tal-pajjiż. Il-kandidat prospettiv għandu jevita risposti – anke jekk il-mistoqsijiet ikunu provokattivi – li jwasslu għal insulti jew tgħajjir fil-konfront tal-kandidat prospettiv l-ieħor, u b'mod partikolari li tkun kritika personali u/jew kontroversja li tista' toħloq firda fil-Partit Nazzjonalista.

Din hija kampanja ta' elezzjoni interna tal-Partit Nazzjonalista, li hija elezzjoni importanti ħafna. L-ispirtu ta' dawn ir-regolamenti huwa biex kemm jista' jkun ma jitħalla jiġri xejn matul il-kampanja, li joħloq firda u diżgwid bejn in-Nazzjonalisti f'mument daqshekk delikat. Huwa ovvju li l-involviment ta' ġurnalisti politiċi mill-kamp oppost f'din il-kampanja joħloq xkiel għal dan il-għan u allura l-Kummissjoni Elettorali qed tagħmilha ċara li tali involviment huwa projbit.

Il-Kummissjoni tappella li dubji li jistgħu jinqalgħu dwar l-interpretazzjoni tar-regolamenti għandhom jiġu ċċarati bil-quddiem.

Tislijiet.

Mario Callus
Chairman, Kummissjoni Elettorali, Rekords u Data